MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 211/2004

**Fl-atti tal-mandat ta' qbid numru 594/02 u tal-avviz numru 784/01MM fl-ismijiet:**

**JP Advertising Limited**

**Vs**

**Borg Barthet Brothers Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami maghmul mis-socjeta' Castlegard Holdings Ltd – C 26842 u li bih wara li ppremettiet illi s-socjeta' rikorrenti giet a konjizzjoni tar-rikors tas-socjeta attrici fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti tawtorizza l-elevazzjoni ta' oggetti mill-propjeta ta' St. Lukes Road, Guardamangia;

Is-socjeta rikorrenti ghandha f'idejha l-propjeta in kwistjoni taht titolu ta' kirja mis-socjeta' konvenuta;

L-oggetti kollha li jinstabu gewwa l-propjeta’ in kwistjoni huma propjeta tas-socjeta rikorrenti;

Is-socjeta rikorrenti ma’ ghandha l-ebda rapport guridiku mas-socjeta konvenuta, ghalkemm din ta’ l-ahhar ghad ghandha r-registered office taghha fis-sit in kwistjoni.

Talbet bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti tirrevoka d-digriet tas-6 ta‘ April 2004 fir-rigward ta’ elevazzjoni ta’ oggetti propjeta tar-rikorrenti kif ukoll rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors (fol 2 sa fol 15 tal-atti).

Rat id-digriet Taghha precedenti (fol 16 ibid).

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata (fol 21 u fol 22 tal-istess atti) u li biha esponiet bir-rispett:

1. Illi l-oneru tal-prova li l-oggetti gol-fond “Borg Barthet Home and Hardware” Saint Luke’s Road Gwardamagia MSD 09 huma tas-socjeta’ Castlegard Holdings Limited u m’hux tas-socjeta’ Borg Barthet Brothers Limited (C2902) huwa fuq is-socjeta’ Castlegard Limited u mhux fuq is-socjeta’ JP Advertising Limited li turi t-titolu taghhom fuq l-oggetti kollha fil-fond in kwistjoni;

2. Illi anki jekk dan huwa minnu, ir-registered office tas-socjeta’ Castlegard Limited huwa 41 W. Lassell Street Il-Kortin Mellieha kif jidher mill-anness dokument JP 1 u mhux l-indirizz Saint Luke’s Road Gwardamangia liema indirizz huwa r-registered office tas-socjeta’ Borg Barthet Brothers Limited kif jidher mill-anness dokument JP 2. Illi ghalhekk, ghalkemm is-socjeta’ Castlegard Holdings Limited tghid fir-rikors taghha li tikri l-imsemmi hanut go Gwardamangia, mis-socjeta’ konvenuta, is-socjeta’ Castlegard Holdings Limited ghandha turi dan u ghandha wkoll turi u tipprova li l-oggetti mobbli go l-istess hanut huma wkoll mikrijin lilha jew huma kollha propjeta’ taghha;

3. Illi oltre dawn l-eccezzjonijiet, is-socjeta’ JP Advertising Limited taghmel referenza ghall-artikolu 302 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li taghmilha cara li

“kreditur tal-parti li kontra taghha jkun sar il-qbid ta’ *hwejjigha ma jistghu ghall-ebda raguni* jaghmlu opposizzjoni ghall-esekuzzjoni tal-mandat. Illi pero’ l-ligi zzid li dawk il-kreduturi jistghu jezercitaw il-jeddijiet taghhom fuq il-prezzijiet li jgibu l-hwejjeg maqbuda”.

4. Illi inoltre r-rimedju li ghandha s-socjeta’ Castlegard Holdings Limited m’huwiex li tostakola jew twaqqaf l-esekuzzjoni ta’ l-imsemmi mandat imma li tipprocedi b’kawza permezz ta’ citazzjoni kontra s-socjeta’ JP Advertising Limited u s-socjeta’ Borg Barthet Brothers Limited u dan kif ser jigi muri tul is-smiegh tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi fis-6 ta’ Marzu 2002, kif jidher a fol 2 tal-atti, is-socjeta intimata kienet otjeniet il-hrug ta’ Mandat ta’ qbid esekuttiv kontra s-socjeta Borg Barthet Brothers Company Limited. Sussegwentement permezz ta’ digriet iehor moghti fit-22 ta’ April 2002, l-istess socjeta intimata kienet ottjeniet l-awtorizzazzazjoni sabiex l-istess mandat jigi esegwit b’elevazzjoni, fil-fond “Borg Barthet Home and Hardware” f’Triq San Lija, Gwardamangia (ara fol 3 u fol 4 tal-istess atti). In rigward dan, a fol 15 (‘a tergo’) tal-istess atti, jinsab il-verbal bid-data tat-23 ta’ Mejju 2003 tal-Marixxal li kien mar fil-post imsemmi sabiex jesegwixxi l-istess mandat. Pero’, f’dan l-istadju, jidher li l-istess mandat ma kienx gie esegwit minhabba li fil-post ta’ esekuzzjoni kien hemm Julian Borg Barthet, direttur tas-socjeta rikorrenti, u li kien informa lill-istess Marixxal illi “….(in)-negozju li qieghed imexxi hu kollox b’ircevuti ta’ Castlegard Holding Ltd u Borg Barthet Bros Co Ltd ma ghandhom x’jaqsmu xejn mieghu”. Permezz ta’ digriet sussegwenti moghti fis-6 ta‘ April 2004 (ara fol 27 u fol 28 ibid) ossija id-digriet imsemmi fir-rikors promotur, is-socjeta’ intimata kienet, ghal darba ohra, ottjeniet l-awtorizzazzjoni kif di gja akkolta izda biz-zieda ta’ nomina ta’ konsenatarju. Effettivament is-socjeta rikorrenti qed titlob ir-revoka ta’

dan id-digriet moghti fis-6 ta' April 2004 peress li qed tghid illi l-oggetti kollha li jinsabu fil-propjeta' in kwistjoni "…. Huwa proprjeta tas-socjeta' rikorrenti 'waqt li l-istess socjeta rikorrenti '…. ghadha (presumibiliment "ghandha") f'idejha l-propjeta in kwistjoni taht titolu ta' kirja mis-socjeta konvenuta".

Ikkunsidrat

Illi in sostenn tal-istess rikors xehed:

a) l-imsemmi Julian Borg Barthet (fol 32). Dan spjega li s-socjeta rikorrenti aventi bhala azzjonist maggoritarju lill-istess xhud u bhala l-iehor minoritarju, missieru Henry Borg Barthet, bdiet topera n-negozju taghha mill-post in kwistjoni, matul is-sajf tal-2001. Inoltre l-istess socjeta rikorrenti kienet qed tokkupa l-istess post, ossija dik il-parti allokata lilha, b'titolu prekarju (tolerance') moghti lilha mis-socjeta Borg Barthet Brothers Limited. In rigward l-oggetti kollha ossija "stock", li jinsabu f'din il-parti tal-post, dawn kollha kienu propjeta' tal-istess socjeta rikorrenti. In rigward is-socjeta' Borg Barthet Brothers Limtied, hu ma setax jghid jekk din kienetx "in liquidation" o meno. Pero fi kliemu stess "… the Company Borg Barthet Brothers Limited is no longer operating" u dan is-socjeta' ma' kienetx qed tgawdi minn xi qliegh jew profitti appartenenti u maghmulin mis-socjeta rikorrenti. In sostenn tal-premess gew esebiti diversi dokumenti li jinsabu a fol 65 tal-atti u li huma deskritti a fol 64 bhala elenku ta' stock u hwejjeg ohra proprjeta tas-socjeta rikorrenti li jinsabu gewwa l-proprjeta' ta' St Luke's Road, Gwardamangia" (Dwar il-premess ara wkoll ix-xhieda taz-ziju tax-xhud precedenti ossija Victor Borg Barthet a fol 70 u fol 75 tal-istess atti).

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher evidenti li f'parti tal-post in kwistjoni, jinsab l'istock' hawn fuq imsemmi u li jappartjeni, kemm bhala fatt kemm fil-ligi lis-socjeta rikorrenti. In rigward l-istess 'stock' ma jidhirx li s-socjeta Borg Barthet Brothers Limited tista' tivvanta xi titolu fuqu jew qed tirrikava xi

qliegh jew profitt minn negozju gestit fil-post in kwistjoni mill-istess socjeta rikorrenti.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz hu regolat mill-artikolu 260 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li jesigi li esekuzzjoni ta’ titoli ezekuttivi tista’ ssir fuq hwejjeg tad-debitur. Mill-provi prodotti jidher li l-mandat in esami kien ser jigi esegwit fuq oggetti mobili proprjeta ta’ terza persuna ossija s-socjeta rikorrenti.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-procedura segwita f’dan il-kaz jidher ukoll li s-socjeta rikorrenti uzat dik stipulata fl-artikolu 283A tal-istess Kodici u b’mod korrett.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ t-talba kif dedotta mir-rikors in esami u tordna li l-istess mandat ma jigiex esegwit fuq oggetti mobili li jinsabu f’dik il-parti tal-post in kwistjoni detenuta mis-socjeta rikorrenti, liema oggetti ma’ jistghux jigu elevati.

In rigward l-ispejjez kul parti ghandha tbati l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------